**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju, 2002**

**Numru 20**

**Avviz. numru 1793/01JR**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Joe Chetcuti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u hamsin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm254.53), in kwantu ghas-somma ta' mitejn hamsa u erbghin lira Maltija bhala merci lilu mibjugha u kkonsenjata, u in kwantu ghas-somma ta' disa' liri Maltin (Lm9.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-isetss ammont;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fl-10 ta' Mejju, 2002, li biha gie cedut is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza pero zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-meritu, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ispejjez ta' dina l-istanza.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**